# 'Taqbila' – Poeżiji Maltin u rimi għat-tfal bl-iskop li jaslu għand ġenerazzjoni ġdida

minn **Noel D'Anastas** – ndanastas@gmail.com

F'nofs il-ġimgħa li għaddiet tneddiet diska bil-poeżiji Maltin u rimi tat-tfal mużikati minn Dominic Galea, surmast prolifiku li bil-mużika tiegħu u b'diversi proġetti varati f'dawn l-aħħar snin qed iwassal għarfien tal-Identità Nazzjonali. Id-diska, intitolata 'Taqbila', fiha 17-il rima li nies ta' età kbira tgħallmu meta kienu tfal, dak li tnissel minn ġenerazzjoni għal oħra, fosthom: *Il-Bewsa tan-Nanna*, *Warda* u *Wenzu l-Iskarpan.*

Il-ħruġ ta' din id-diska hi kumplimentata bit-tnedija wkoll ta' websajt bil-ilsien Malti, *www.qawsalla.com.* Din tinkludi fiha l-mużika miktuba u l-kliem tal-kanzunetti li hemm fuq id-diska 'Taqbila', kif ukoll tagħrif bijografiku tal-poeti.

Is-sit fiha materjal edukattiv u ta' divertiment li għandu jmur tajjeb mat-tfal. Fost dawn hemm spazju virtwali għal wirjiet tal-arti, materjal ta' studju għat-tfal mill-ewwel sena sas-sitt sena tal-primarja u attrazzjonijiet oħra interessanti.

Fil-konferenza tal-aħbarijiet li nżammet nhar l-Erbgħa 5 ta' Ġunju f'H'Attard, iċ-*Chairman* tal-APS Bank E.P. Delia, li qiegħed jappoġġja dawn iż-żewġ proġetti bħala parti mill-kontribut tiegħu lill-komunità lokali, saħaq li "L-għan ta' din il-ġabra hu biex twassal dawn il-poeżiji u rimi tat-tfal lil ġenerazzjoni ġdida".




*Is-cd ġdida 'Taqbila' poeżiji u rimi Maltin mużikati minn Dominic Galea*

Din l-inizjattiva qed tingħata b'appoġġ lejn l-Uffiċċju Ċentrali 'Ejjew Għandi', immexxi minn Mons Victor Zammit McKeon f'isem l-Arċidjoċesi ta' Malta. Fil-fatt id-dħul mill-bejgħ tad-diska, li tiswa biss €2.50, se jmur kollu għal din l-organizzazzjoni.

Waqt l-avveniment, il-*Mirabitur Youth Choir*, taħt id-direzzjoni ta' Ms Simone Attard li jkanta dawn l-għanjiet f'din id-diska, interpreta żewġ kanzunetti. Preżentazzjoni fuq il-websajt ingħatat minn Patrick Aquilina, *Marketing Manager* tal-APS Bank.

APS Bank, li dejjem hu minn ta' quddiem f'inizjattivi mużikali Maltin, sew f'dak li hu inċentiv għall-kompożituri kif ukoll għall-kontribut li ta f'kunċerti u ħruġ ta' diski b'mużika sagra ta' kompożituri Maltin, se jkun qed jippromwovi din id-diska f'bosta istituzzjonijiet lokali fosthom skejjel, NGOs u Kunsilli Lokali biex dawn il-poeżiji ma jintilfux u fl-istess ħin jinġabru fondi għall-Uffiċċju Ċentrali 'Ejjew Għandi'.

### Lejn ġenerazzjoni ġdida

L-isfond storiku ta' dawn it-taqbiliet imur lura għal meta kien approvat l-alfabett ġdid tal-Malti madwar 90 sena ilu. Il-moviment letterarju ta' dak iż-żmien kien fittex li jippopolarizza l-użu tal-kitba bil-Malti permezz ta' kanzunetti tat-tfal li kienu jinkitbu għal dan il-għan.

Fil-fatt, dak iż-żmien kienu jiġu pubblikati rivisti u kotba għat-tagħlim elementari, l-aktar fuq il-valuri tal-familja, is-sens patrijottiku, il-passatempi u festi kulturali Maltin. Dawn il-mezzi kienu wkoll ixerrdu għanjiet għat-tfal li tant kienu magħrufa li saru parti intrinsika mill-memorja kollettiva soċjali tagħna. Uħud minna li għexna tfulitna f'dak iż-żmien, probabbli għadna niftakru xi ħaġa minnhom.

Nikkwota s-sit *qawsalla.com* fit-tagħrif imwassal fuq l-għan u l-istorja ta' dawn l-għanjiet li selezzjoni rappreżentattiva ta' ftit minnhom kellhom riċerka ta' Steve Borg li ġabar din l-antoloġija b'mod iktar komplut:

"Minħabba t-tibdil mgħaġġel fis-soċjetà u l-influwenzi kontinwi minn kulturi barranin permezz tal-*mass media,* din il-memorja kollettiva baqgħet imfarrka u mxerrda mal-mogħdija taż-żmien. Sfortunatament, minħabba promozzjonijiet ferm aktar intensivi ta' mużika bl-Ingliż u t-Taljan, din il-mużika antika Maltija ma ġietx imtella' fuq forom ġodda ta' *media* u hi kważi għal kollox inaċċessibbli għat-tfal tal-lum."

## L-awturi tal-kanzunetti

Il-kanzunetti fuq 'Taqbila' nkitbu minn Albert M. Cassola (1915-1974), Dun Frans Camilleri (1919-1990), Anton Buttigieg (1919-1983), Karmenu Vassallo (1913-1987), Ġorġ Pisani (1909-1997), Anastasju Cuschieri (1876-1962) u l-poeta Nazzjonali Dun Karm (1871-1961). Insibu wkoll xogħlijiet oħra, fosthom dawk anonimi.

Albert M. Cassola kien kittieb u poeta li rebaħ bosta unuri f'Malta u barra. Minbarra awtur ta' artikli, *essays,* rakkonti, novelli, kritika, poeżiji, drammi u kummiedji, Cassola hu l-awtur ta' kotba bil-Malti, bit-Taljan u bl-Ingliż. Kiteb ukoll il-versi ta' bosta kanzunetti. Dun Frans Camilleri kien għalliem, awtur tal-kotba ta' poeżija 'Moħba tal-Qalb', 'Fil-Ġnien tat-Tfulija', 'Innijiet' u l-'Għanja ta' Ħajti' fost l-oħrajn.

Anton Buttigieg (1919-1983) kien avukat, politiku u President ta' Malta, hu awtur ta' medda wiesgħa ta' liriċi maħruġin f'ġabriet differenti.

Karmenu Vassallo (1913-1987) li sena ilu wħud mill-poeżiji tiegħu ġew mużikati mill-istess Mro Dominic Galea fl-album 'Nirien', kien għalliem, poeta u traduttur li kiteb diversi kotba fosthom 'Il-Poeżija bil-Malti', 'Alla taż-Żgħażagħ' u 'Is-Salib Imqaddes fl-Arti'.

Ġorġ Pisani (1909-1997) minn Għawdex kien għalliem, poeta u awtur ta' għadd ta' xogħlijiet fosthom tliet kummiedji – is-'Sena tal-Imħabba', 'Għanja tar-Rebbiegħa' u 'Kewkba'.

Il-patri Karmelitan Anastasju Cuschieri (1876-1962), Professur tal-Filosofija, hu l-awtur ta' poeżiji bil-Malti u bit-Taljan kif ukoll għandu għadd ta' kitbiet ta' xeħta filosofika u estetika.

Dun Karm tfakkar ukoll mis-Surmast Galea f'diska maħruġa sentejn ilu 'Għanja'. Il-kobor tal-Poeta Nazzjonali hu magħruf sew fil-kitbiet tiegħu, fl-innijiet li kiteb, mhux biss fl-Innu Malti fl-1922, iżda ħafna oħrajn li ġew mużikati mis-Surmast Ġużeppi Caruana, fosthom *T'Adoriam* li f'dawn il-jiem tfakkar il-mitt sena tiegħu meta dan inkiteb għall-Kungress Ewkaristiku Internazzjonali li kien inżamm f'Malta fl-1913 (ara l-ktejjeb maħruġ ma' *il-mument* tal-Ħadd li għadda).

Il-mużika u l-arranġamenti mużikali f''Taqbila' toħroġ is-sempliċità u l-ħlewwa li fiha Mro Dominic Galea għaraf iwassal biex it-tfal japprezzaw aħjar it-taqbila. Il-kant tal-kor tat-tfal ikompli jżewwaq ix-xenarju ta' dawn it-taqbiliet. Insemmi fost l-oħrajn *Wenzu l-Iskarpan* u *Ejja Għasfur Ejja* ta' awturi anonimi, *Il-Bejjiegħ tal-Ħut* ta' Dun Frans Camilleri, *Ħamiema Bajda* ta' Ġorġ Pisani u *Ir-Rummiena* ta' Anton Buttigieg.

F''Taqbila' wieħed isib ħajja ġdida għall-kanzunetti antiki Maltin fosthom il-silta *Malta* li nsabet fuq pitazz antik tal-poeta Karmenu Vassallo Is-sit 'qawsalla' twassal ukoll il-partitura mużikali ta' dawn il-kanzunetti għall-benefiċċju ta' dawk li jixtiequ jdoqquhom.

Min hu interessat jista' jakkwista din id-diska mingħand l-APS Bank billi jibgħat *email* fuq *mktg@apsbank.com.mt* jew jaċċessa l-websajt *www.qawsalla.com.*

## Ir-*recording*

Il-kor *Mirabitur Youth Choir* li kanta fir-*recording* hu ffurmat minn madwar ħamsa u għoxrin tifel u tifla filwaqt li s-solisti kienu Martina Galea, Keira Galea, Darren Sciberras, Emma Sciberras, il-kantanta veterana Doreen Galea u Manolito Galea.

Dawn l-għanjiet, li għandhom produzzjoni ta' Dominic Galea u Steve Borg, ġew imdaqqa minn Dominic Galea (Pjanu u Tastieri), Sammy Galea (Vibrofonu u Mirimba) u Tatjana Chircop (Vjolin).

Ir-*recording* sar minn Manolito Galea f'Lito's Place, il-Furjana, filwaqt li l-*mastering* sar minn Daniel Talma. Studju u riċerka tat-taqbiliet sar minn Steve Borg, Joseph P. Borg, Thomas Pace u Marcel Zammit Marmarà.